# SERVIZZ LILL-KOMUNITA' FUQ BAŻI VOLUNTARJA.
# L-ESPERJENZA LOKALI U F' PAJJIŻI OĦRA.

Mill-ħolqien tagħhom, il-Kunsilli Lokali qed iservu lill-kommunitajiet tal-bliet u rħula tagħna permezz tar-responsabbiltajiet li jerfgħu. Minħabba differenzi ta' kobor kemm ġeografiċi kif ukoll ta' riżorsi finanzjarji w umani, kunsilli differenti jifilħu xogħolijiet differenti. Hemm kunsilli li għandhom biżżejjed riżorsi biex, minbarra l-bżonnijiet skond ir-responsabbiltajiet divoluti, jifilħu jwettqu xi proġġett għall-lokalitita' tagħhom.

Quddiem il-poplu, ħafna drabi, kunsill lokali jiġi ġġudikat fuq kemm għamel proġġetti u kemm nefaq flus sabiex il-lokalita' tidher aħjar, b' hekk ir-resident iħossu moqdi aktar. Dan huwa kejl li ħafna Maltin draw jużaw anki meta jiġġudikaw Gvern. Ftit hemm ħsieb fuq ir-riżorsi li kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu. Ftit hemm ħsieb dwar l-alternattivi veri li kellu quddiemu kunsill fil-qadi ta' dmirijietu. Ftit hemm ħsieb dwar l-għaqal jew nuqqas ta' għaqal li kellu kunsill fl-amministrazzjoni tal-flus allokat lilu. Kunsill, għalhekk, ħafna drabi jiġi ġġudikat fuq dak li f' moħħ in-nies suppost għamel u spiss issib nies li jiefqu fuq dak li ma għamilx, anki jekk ma kienx fir-responsabbiltajiet tiegħu.

B' din l-attitudni, minflok ma nsostnu l-prinċipju tas-sussidjarjerta', minflok ma ngħinu lir-residenti tal-lokalita' tagħna jifhmu l-poter tagħhom u jagħmlu xi ħaġa konkreta huma, inkomplu nuruhom li kunsill lokali huwa biss forma oħra ta' awtorita'. Mhux ta' b' xejn li ħafna huma dawk in-nies li jħarsu lejn kunsill lokali bħala post fejn iwasslu l-ilment, ġustufikat jew le, tagħhom. Mhux ta' b' xejn ħafna huma dawk il-kunsilliera li jħossu li posthom fil-kunsill jiddependi fuq kemm jistgħu jwettqu dak ix-xogħol li l-votanti tagħhom iqisu mportanti u għaldaqstant il-ġid tal-lokalita', xi drabi, ma jiġix imfittex.

Minn naħa l-oħra, ħafna huma l-kunsilli lokali li llum għarfu li għandhom rwol soċjali flimkien ma dak politiku w amministrattiv. Ħafna huma l-kunsilli li joffru xi servizzi ta' natura soċjali lir-residenti tagħhom. Induru dawra madwarna nsibu kunsilli li joffru korsijiet fil-għaxijiet, oħrajn jorganizzaw ħarġiet għall-anzjani tal-lokalita'. Hemm kunsilli li fetħu u qed imexxu "Day Care Centres" oħrajn jorganizzaw attivitajiet għaż-żgħażagħ jew għat-tfal. Dawn l-inizjattivi huma tajbin ħafna anki għax jgħinu lir-residenti jħarsu lejn il-kunsilli lokali mhux biss bħala ċ-ċentru amministrattiv tal-lokalita', u allura l-post fejn wieħed jistenna l-manna lokali taqa', iżda ukoll bħala ċentru soċjali fejn nistgħu nibnu komunita' waħda u magħquda.

Jekk kunsill lokali ser jibda jerfa' pis ta' rwol soċjali, tajjeb li jintrefa' kemm jista' jkun b' mod professjonali. Barra minn Malta, partikolarment fl-Ingilterra, ir-rwol soċjali tal-kunsilli lokali huwa mifhum f' kuntest amministrattiv. Il-kunsilli lokali hemmhekk huma gvernijiet lokali b' poteri kbar li jixbħu ħafna mill-poteri li għandu l-Gvern ċentrali tagħna. L-akkomodazzjoni soċjali, il-proviżjoni tal-edukazzjoni, l-ippjannar u l-permessi tal-bini, dawn huma biss ftit mir-responsabbiltajiet li għandhom kunsilli lokali fl-Ingilterra fil-qasam soċjali.

Minħabba n-natura ta' dawn ir-responsabbiltajiet, f' kuntest Ingliż, kellhom jinħolqu għaqdiet indipendenti sabiex jaġixxu ta' kuxjenza għall-kunsill u sabiex joffru servizzi speċjalment lil min jispiċċa emarġinat mis-sistema jew għal min ma jkunx jaf x' għandu jagħmel biex jikseb dak li hu tiegħu bid-dritt.

Għaqda nazzjonali kbira u mportanti li nħolqot f' Ingilterra hija l-"Citizens Advice Bureaux". Ix-xogħol ewlieni ta' din l-għaqda hija sabiex toffri wens u għajnuna lil min iħossu emarġinat fis-soċjeta' u fl-istess ħin toħloq pressjoni fuq l-awtoritajiet sabiex jiġu ndirizzati l-problemi rejali ta' nies komuni. Din l-għaqda taħdem fuq bażi ta' karita', m' hijix dipendenti fuq il-Gvern jew fuq il-kunsilli lokali, għandha mal-2,400 uffiċċju mar-Renju Unit kollu u 90 fil-mija tal-28,000 persuna li taħdem fi ħdana huma voluntiera.

Barra minn din l-għaqda, hemm diversi għaqdiet oħra lokali u nazzjonali kif ukoll knejjes ta' diversi denominazzjonijiet u għaqdiet oħra ta' insprazzjoni reliġuża li jagħtu l-kontribut tagħhom fil-qadi tal-komunita' fuq bażi voluntarja. Dawn l-għaqdiet qed jgħinu mhux ftit sabiex tinbena soċjeta' aħjar u fuq kollox sabiex jgħinu nies komuni jirbħu d-drittijiet u d-dinjita' tagħhom. Biex infiehem aħjar ix-xogħol li jsir fuq bażi voluntarja ser nieħu biss eżempju mix-xogħol li jagħmel il-"Citizens Advice Bureaux".

Ix-xogħol prinċipali tal-"Citizens Advice Bureaux" huwa li jagħti pariri. Pariri lil individwi f' diffikulta' u pariri lill-gvernijiet lokali u nazzjonali dwar leġislazzjoni li jkun hemm bżonn jitressaq jew jiġi emmendat fl-interess ta' l-emarġinat. Per eżempju, joffru servizz b' xejn ta' informazzjoni u għajnuna dwar id-drittijiet ta' kull individwu, bħad-drittijiet fl-impieg, id-drittijiet tal-konsumatur, għajnuna f' mili ta' formoli, joffru rappreżentanza quddiem tribunali. Għandhom "help-lines" bit-telefon għall-anzjani, nies b' diżabilita', tfal li jiġu abbużati mill-ġenituri jew minn adulti oħra, għal min għandu problemi minħabba l-vizzji tad-drogi, l-alkoħol jew tipjip, u għal min m' għandux dar fejn joqgħod fost diversi oħrajn.

Dan ix-xogħol kollu jsir minn professjonisti li jaħdmu voluntarjament mal-għaqda u minn voluntiera oħra li ssiebħu wkoll. Kull voluntier jirċievi t-taħriġ bżonnjuż sabiex ikun jista' iwettaq ix-xogħol li jiġi assenjat lilu. Imbagħad kull voluntier jagħti ammont ta' siegħat fil-ġimgħa biex jwettaq is-servizz tiegħu.

Parti mix-xogħol ta' għaqdiet voluntarji fl-Ingilterra huwa li jagħmlu riċerka ta' analiżi soċjali. Fi kliem ieħor, għalkemm xogħolhom huwa l-aktar ma min jidħol fl-uffiċċji tagħhom u jfittex l-għajnuna tagħhom, hemm sezzjonijiet fi ħdan għaqdiet voluntarji li joħorġu huma u permezz ta' riċerka li jagħmlu man-nies jibnu stampa tas-soċjeta' f' qasam partikolari.

Dan huwa xogħol importanti ħafna għax minnu l-għaqda tista' tkun f' pożizzjoni aħjar biex tgħarbel is-servizzi li qed toffri, tipprepara tagħti servizzi ġodda jew tipprepara s-suġġerimenti li tkun trid tressaq lil awtoritajiet lokali jew nazzjonali. Ħafna drabi dan ix-xogħol ta' riċerka ssir minn voluntiera li huma professuri f' xi Universita' flimkien ma voluntiera studenti Universitarji.

Kurjuża ħafna huwa li ssib għaqdiet ta' voluntiera, speċjalment fuq bażi lokali fl-Ingilterra, li joffru tagħrif dwar il-kwalitajiet tal-voluntier u dwar fejn wieħed jista' joffri s-servizzi tiegħu bħala voluntier. Kważi kważi tqishom għaqdiet speċjalizzati fil-formazzjoni tal-voluntiera.

Jekk, imbagħad, wieħed jgħarbel l-attitudnijiet soċjali tan-nies li huma involuti f' għaqdiet voluntarji ssib li l-ewwel nett hemm kuxjenza soċjali kbira, hemm sens ta' dover kbir kif ukoll dak li l-Ingliż isejjaħ "sense of purpose". Ħafna huma dawk in-nies li kienu f' diffikultajiet u llum, għax sabu għajnuna, qed joffru li jsiru voluntieri huma stess. Ħafna japprezzaw aktar is-sehem li jista' jkollhom fis-soċjeta' u japprezzaw ftit iktar ix-xogħol, fil-limitazzjonijiet li jeżistu, li jagħmlu dawk li ġew eletti fuq il-kunsilli lokali jew fil-Parlament nazzjonali.

F' Malta, inħoss, għadna ftit lura minn dan is-sens ta' komunita'. Għadna xi ftit jew wisq dipendenti fuq min għandu l-poter għall-bżonnijiet jew għat-twettieq tad-drittijiet tagħna. Għadna wisq inħarsu lejn awtorita', bħalma hu l-kunsill lokali, bħala uffiċċju fejn inwassal l-ilment u nippretendi, għandi jew m' għandix raġun, huwa jew m' huwiex sewwa għall-lokalita' kollha, li ninqeda jien. U jekk ma ninqedix, imbagħad ingorr aktar, imbagħad nikteb fil-gażżetti jew nagħmel xi lment fuq ir-radju, jew immur għand xi membru parlamentari.

Nemmen li f' pajjiżna għadna xi ftit nippretendu li dawk li eleġejna jagħmlu x-xogħol kollu u l-bqija igawdu minn dak ix-xogħol b' dritt li jikkritikah kemm iħossu li hemm bżonn.

Kull kunsill lokali f' pajjiżna jsib diffikulta' kbira biex jinvolvi kull min kien elett fil-kunsill f' xogħol tar-responsabiltajiet divoluti lilhom. Kull kunsill isib diffikulta' kbira biex isib nies adatti li jixtieqi jservu fuq sotto-kumitati tal-kunsilli. Kull kunsill xi ftit jew wisq huwa rassenjat li ħafna mir-riżorsi umani tiegħu ser jintużaw f' tiġrija biex jiġu indirizzati l-lmenti ġustifikati tar-residenti tal-lokalita'.

Iżda f' Malta jeżistu ħafna għaqdiet voluntarji f' kull qasam tas-soċjeta': fi ħdan il-Knisja, fil-qasam ta' nies bi bżonnijiet speċjali, fl-Isports, il-Kultura jew l-Ambjient u f'diversi oqsma oħra.

Nemmen li m' għandniex għalfejn nistennew sabiex jinħolqu għaqdiet oħra ta' voluntiera sabiex jiġu ndirizzati kif jixraq is-sitwazzjonijiet diffiċli fis-soċjeta' tagħna. Il-kunsilli lokali f' Malta, bħala gvernijiet lokali, qatt m' hu ser ikollhom il-poter li għandhom f' pajjiżi kbar barranin. Barra minn hekk, il-lokalitajiet tagħna huma ferm iżgħar mill-lokalitajiet barra minn Malta u għalhekk għandna l-vantaġġ li nafu lil xulxin aktar u nistgħu ngħinu lil xulxin b' aktar indirizz personali.

Għalhekk, naħseb li xogħol li barra minn Malta bilfors irid isir minn għaqda voluntarja, jista' u għandu jsir mill-kunsill lokali f' pajjiżna. M' għandniex naraw kbir, forsi b' għajnuna jew ko-ordinament mid-Dipartiment jew mill-Assoċjazzjoni kull kunsill lokali jista' jipprepara ruħu sabiex matul il-ħames snin li ġejjin idaħħal servizz jew tnejn ġdid fis-sena.

Dawn is-servizzi jistgħu jkunu varjati. Nistgħu nfittxu l-kollaborazzjoni ma xi għaqda li teżisti u naħdmu proġett flimkien. Nistgħu noħolqu "helplines" ta' informazzjoni dwar il-korsijiet li qed jiġu ppreparati mill-ETC, jew dwar il-protezzjoni tal-konsumatur. Jekk insibu l-għajnuna ta' professjonisti nistgħu nużaw l-uffiċċji tagħna sabiex jingħataw pariri professjonali permezz tat-telefon jew permezz ta' appuntamenti jew korsijiet. Nistgħu noħolqu "unit" ta' "self help" fejn dawk li jridu jwasslu l-ilment tagħhom b' mod effettiv ikunu jistgħu jsibu għajnuna biex dan jagħmluh. Nistgħu noħolqu servizz bit-telefon jew fuq l-Internett li jinforma lill-poplu bid-drittijiet tiegħu. Servizz ieħor jista', per eżempju, jinforma lin-nies dwar l-attivitajiet lokali li ser jiġru fil-futur qarib.

Importanti ħafna li ninnottaw li għalkemm huwa faċli li nġibu eżempji ta' x' nistgħu nagħmlu, studju reċenti juri li minn kull ħames servizzi ta' dan it-tip li jinħolqu, erbgħa ma jkomplux wara l-ewwel sena. Għaldaqstant importanti li meta ser noħolqu servizz ġdid fil-komunita', speċjalment jekk ser naħdmu bla flus u bl-għajnuna tal-voluntiera, inqisu r-riżorsi tagħna sewwa qabel ma nibdew u nistudjaw l-bżonnijiet rejali tan-nies li ser ikunu jistgħu jużaw is-servizz.

Biex jitwettaq xogħol voluntarju r-riżorsi umani jeżistu fil-komunitajiet tagħna. Jeħtieġ l-impenn sabiex nedukaw lir-residenti tal-lokalitajiet jiskopru dak li jistgħu joffru lis-soċjeta' tagħhom, u ntuhom l-opportunitajiet sabiex jużaw l-abiltajiet tagħhom għall-ġid ta' oħrajn.